

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Ġunju 2009

li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/938/KE dwar il-lista ta' pajjiżi beneficijarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' incēntiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li jaapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4383)

(2009/454/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008 li jaapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011 u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 552/97, (KE) Nru 1933/2006 u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1100/2006 u (KE) Nru 964/2007⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 jipprevedi l-għot ta' arranġament ta' incēntiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jissodisfaw rekwiżiti stabiliti skont l-Artikoli 8 u 9.

(2) Skont l-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2008/938/KE tad-9 ta' Diċembru 2008 dwar il-lista ta' pajjiżi beneficijarji li jikkwalifikaw għall-arranġament ta' incēntiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba, stipulati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 li jaapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2009 sal-31 ta' Diċembru 2011⁽²⁾.

(3) Skont dik id-Deċiżjoni, ir-Repubblika Bolivarjana tal-Veneżwela (minn hawn 'il quddiem 'il-Veneżwela) ingħatat l-arranġament ta' incēntiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u l-governanza tajba.

(4) Madankollu, issa rriżulta li l-Veneżwela ma rratifikatx il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni,

elenkata taħt il-punt 27, fil-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 732/2008. Għalhekk, il-Veneżwela ma ssodisfatx ir-rekwiżiti kollha neċċessarji skont ir-Regolament (KE) Nru 732/2008 biex tingħata l-arranġament ta' incēntiv speċjali. Id-Deċiżjoni 2008/938/KE għandha tiġi emmdata skont dan, filwaqt li tipprevedi perjodu xieraq ta' tranżizzjoni għall-applikazzjoni tagħha. Skont l-Artikolu 214 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarja⁽³⁾, kwalunkwe dejn doganali magħmul bis-saħħa tad-Deċiżjoni 2008/938/KE sad-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għalda qstant ma għandux jiġi affettwat.

(5) Il-Kumitat dwar il-Preferenzi Ġeneralizzati ma tax-opinjoni fiziż-żmien stabbilit mill-President tiegħu; il-Kummissjoni għalhekk resqet proposta lill-Kunsill fit-2 ta' April 2009 skont l-Artikolu 5(4) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE⁽⁴⁾, bil-Kunsill mitlub jaġixxi fi żmien tliet xħur.

(6) Minkejja dan, fit-18 ta' Mejju 2009 l-Kunsill ikkonferma li mhemmix maġġoranza kwalifikata favur jew kontra l-proposta, u li l-Kummissjoni tista' tipproċedi skont l-Artikolu 5(6), l-aħħar subparagraphu tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, għalhekk issa għandha tiġi adottata deċiżjoni mill-Kummissjoni.

(7) Skont l-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 732/2008, din id-Deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-Veneżwela,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/938/KE, il-kliem "(VE) Il-Veneżwela" jitħassar.

⁽¹⁾ ĠU L 211, 6.8.2008, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 334, 12.12.2008, p. 90.

⁽³⁾ ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tibda tapplika mis-sittin jum wara dak li fih tkun ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Veneżwela.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Catherine ASHTON

Membru tal-Kummissjoni
